

**IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK**

# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

## It-Twelid ta' Mose'

Wara li Guzeppi miet, tela fuq it-tron ta' l-Egittu re ta' qalb kiefra. Kien jibza' mill-familja numeruza ta' Guzeppi u ghaldaqstant ordna li l-irgiel jittiehdu bhala lsira biex jahdmu f'ghelieqi ta' l-Egizzjani u jibnu ibliet ghalih. Meta jum wiehed dahhal f'rasu li t-tfal jistghu jsiru suldati meta jikbru u jaghmlulu gwerra, iddecida li kull tarbija tkun maqtula.



**It-twelid ta' Mose.**

Kien f'dan iz-zmien ta' tbatija ghall-poplu lhudi, li Mose' twieled. Minkejja li kienet taf bl-ordni li kull tifel





kellu jigi maqtul, ommu hbietu ghal tlett xhur sabiex is-suldati tal-Farawn ma joqtlux.Wara tlett xhur ommu poggietu go qoffa li hija hadmet mill-papiru u qeghditu fuq l-ilmijiet tax-xmara Nil bit-tama li xi hadd isbu u jiehu hsiebu minghajr ma jigrilu ebda hsara. Gara li hekk kif it-tifla tal-Farawn nizlet fix-xmara tghum hija sabet dan il-basket u x'hin fethitu rat dik il-hlewwa ta' tarbija tikbi. Gharfitha li kienet tarbija minn ulied l-Ebrej. Ftit il-boghod oht it-tarbija kienet attenta tara dak kollu li kien qed jigri. X'hin rat hekk marret fuq il-principessa u qaltilha jekk tridx issibilx lil xi hadd li jkun jista jiehu hsieb dik it-tarbija sakemm it-tifel jitfarfar. It-tifla marret ghand ommha u qaltilha b'dak li kien sehh. L-omm marret u hadet hsieb it-tifel sakemm kiber ftit.

Meta kiber tatu lill-principessa kif kien il-ftehim sabiex hi trabbih fil-palazz. Meta sar zaghzugh kien jitnikket jara lil hutu l-Lhud hekk mahqura. Darba minnhom ra wiehed Egizzjan jsawwat wiehed Lhudi u tant irrabja b'din l-ingustizzja li qatel lil dan l-Egizzjan.

Meta xi hadd semmilu li hu kien qatel Egizzjan, Mose harab lejn post jismu Midjan u hemm dam jghix ghal madwar 40 sena sakemm Alla sejjahlu biex jehles lil poplu tieghu mill-hakma qerrieda ta' Farawn.